Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għal strateġija għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-telf u l-ħela tal-ikel" (opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2013/C 161/08)

Relatur: **is-Sur SOMVILLE**

Nhar it-12 ta' Lulju 2012, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għal strateġija għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-telf u l-ħela tal-ikel

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar id-29 ta' Jannar 2013

Matul l-488 sessjoni plenarja tal-20 u l-21 ta' Marzu 2013 (is-sessjoni tal-20 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'159 voti favur, vot wieħed kontra u astensjoni waħda.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 F'dinja li fiha bosta persuni ma għandhomx x'jieklu meta jkollhom il-ġuħ u li fiha r-riżorsi huma limitati, il-KESE jqis li hu fundamentali li s-suġġett tal-prevenzjoni u tat-tnaqqis tat-telf u l-ħela tal-ikel jingħata post xieraq fuq l-aġenda politika. Barra minn hekk, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-involviment tal-Parlament Ewropew u l-inizjattivi reċenti li ħadet il-Kummissjoni f'dan il-qasam.

1.2 Għall-konsistenza fil-politiki li għandhom jiġu segwiti, il-KESE jisħaq dwar il-ħtieġa li jkun hemm definizzjoni u metodoloġija komuni fil-livell tal-UE biex jiġu kwantifikati t-telf u l-ħela tal-ikel. Madankollu, huwa jqis li minħabba s-sitwazzjoni u l-għanijiet stabbiliti, għandhom jitniedu azzjonijiet konkreti bla ma wieħed joqgħod jistenna r-riżultati tal-programmi fis-seħħ.

1.3 Il-KESE jinkoraġġixxi l-iżvilupp u t-tkomplija ta' pjattaformi għall-skambji tal-esperjenzi dwar is-suġġett tal-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel fir-reġjuni u l-Istati Membri differenti tal-Unjoni u dan biex jiġu rfinati l-mezzi ddedikati għal dawn il-programmi u jiġu promossi l-inizjattivi li jirriżultaw effikaċi.

1.4 F'kuntest sfortunat ta' tnaqqis tar-riżorsi tagħhom, u f'mument li fih il-kriżi ekonomika qed iżżid b'qawwa l-ħtiġijiet tagħhom, il-Kumitat jinsisti b'mod partikolari sabiex il-banek tal-ikel ikunu jistgħu jibbenefikaw minn trasferiment massimu ta' prodotti li għadhom tajbin għall-ikel min-naħa tad-distributuri u tas-sidien tar-ristoranti. Għandhom jinxterdu l-inizjattivi attwali f'xi Stati Membri fil-qasam fiskali, it-tneħħija tar-responsabbiltà minn fuq id-donaturi, kif ukoll l-adattar ta' ċerti limitazzjonijiet amministrattivi biex jiġu faċilitati d-donazzjonijiet filwaqt li tkun garantita s-sikurezza tal-ikel.

1.5 It-taħriġ għandu rwol importanti fil-qasam tat-tnaqqis tal-ħela. Tkun ħaġa tajba li dan is-suġġett jiddaħħal fil-kurrikulu skolastiku tal-professjonisti futuri tal-catering kollettiv u privat, kif ukoll fil-korsijiet ta' taħriġ kontinwu tagħhom. Dan jista' jsir ukoll fl-iskejjel tad-disinjaturi tal-pakketti dwar l-aspetti tal-konservazzjoni tal-ikel u l-aħjar użu tal-kontenut tagħhom.

1.6 Għall-KESE, il-komunikazzjoni fir-rigward tal-konsumaturi hija ovvjament essenzjali u l-pertinenza tagħha tirriżulta minn analiżi tajba tal-kawżi tal-ħela. Flimkien ma' sensibilizzazzjoni ġenerali dwar l-impatt tal-fenomenu, għandha ssir enfażi partikolari fost oħrajn fuq il-mod tajjeb li bih għandhom jiġu interpretati d-dati tal-validità tal-prodotti, l-ippjanar tax-xiri, il-ħażna tal-ikel u l-użu tal-fdalijiet tal-ikel. Wieħed iri joqgħod attent li l-messaġġi li jingħataw ikunu adatti għat-tip ta' familji.

1.7 Ir-riċerka kollha għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dan is-suġġett, billi huma kkonċernati l-ħoloq kollha tal-katina alimentari. B'ħekk, ir-riċerka agrikola applikata għadha meħtieġa sabiex jissokta t-titjib tat-tekniki ta' produzzjoni. Aktar tard fil-proċess, il-progress fil-qasam tal-imballaġġ għandu jikkontribwixxi wkoll biex jevita u jnaqqas il-ħela. (konservazzjoni, tikkettar intelliġenti, eċċ.).

1.8 Fil-livell primarju tal-produzzjoni, għandu jsir sforz biex l-għodod interprofessjonali rakkomandati mill-PAK isiru effikaċi, u biex dawn jiġu żviluppati ħalli jsiru aktar sostenibbli. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-inizjattivi għall-iżvilupp taċ-ċirkwiti qosra li jista' jkollhom rwol fit-tnaqqis tat-telf u tal-ħela.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Mill-kriżi tal-ikel tal-2008-2009, is-suġġett tas-sikurezza tal-ikel baqa' fost il-preokkupazzjonijiet ewlenin tal-maġġoranza tal-gruppi ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Iż-żieda fil-prezzijiet taċ-ċereali u għelejjel oħra fl-2012 issaħħaħ dan l-interess.

2.2 Produzzjoni agrikola effiċjenti tibqa' fundamentali biex tinkiseb provvista tal-ikel għall-popolazzjoni tad-dinja.

2.3 Imma l-ħtieġa li tiżdied il-produzzjoni agrikola b'60 %, billi l-popolazzjoni dinjija għandha toqrob id-9 biljun persuna sal-2050, f'kuntest ta' skarsezza tar-riżorsi u ta' tibdil fil-klima, għandha ssir b'mod parallel ma' ġlieda effikaċi kontra t-telf u l-ħela tal-ikel.

2.4 It-telf u l-ħela, li jolqtu l-ħoloq kollha tal-katina alimentari, anke jekk fi gradi differenti, huma stmati globalment għal 1/3 tal-volum tal-ikel maħsub għan-nies ("Global food losses and food waste" - It-telf u l-ħela tal-ikel-, FAO).

2.5 Fl-UE, fl-2011, wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja, 24,2 % tal-popolazzjoni, jiġifieri 119,6 miljun persuna, kienet tinsab f'xifer l-esklużjoni soċjali. In-numru ta' persuni li jgawdu mill-Programm Ewropew ta' għajnuna alimentari għal dawk l-aktar fil-bżonn żdied minn 13-il miljun persuna fl-2008 għal 18-il miljun fl-2010 [1]. B'ħekk, il-banek tal-ikel juru ħtiġijiet li dejjem jikbru.

2.6 Din l-Opinjoni hija pretinenti għad-diskussjoni strateġika "Ewropa 2020" Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea, fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-użu effikaċi tar-riżorsi [2], iddedikat paragrafu għall-problema tal-prodotti tal-ikel u għall-ħtieġa li titnaqqas il-ħela.

3. **Il-problemi fit-totalità tagħhom**

3.1 *Definizzjonijiet*

3.1.1 Il-kunċetti tat-telf u tal-ħela tal-ikel għandhom jiġu analizzati f'perspettiva globali, mill-istadju tal-produzzjoni sa dak tal-konsum, bl-inklużjoni tal-ħoloq intermedji li huma l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, mingħajr ma jintesa l-qasam tal-ikel barra mid-dar.

3.1.2 Fl-UE, l-istadju tal-produzzjoni ftit għandu piż fit-telf tal-ikel. Aktar u aktar billi l-prodotti li ma jirrispettawx l-istandards ta' produzzjoni stabbiliti mir-regolamenti jew is-suq u li ma jistgħux jintużaw direttament biex jittieklu min-nies jintużaw kollha jew parzjalment għall-ipproċessar. Jekk ma jistgħux jintużaw, għandhom jiġu diretti għall-għalf tal-annimali, jew jintużaw għall-finijiet ta' bioenerġija jew saħansitra jitħalltu mal-ħamrija sabiex jiżdied il-kontenut ta' materja organika.

3.1.3 It-telf u l-ħela tal-ikel jistgħu jiġu definiti bħala kull prodott li fil-bidu kien intenzjonat għall-konsum mill-bniedem, bl-eċċezzjoni ta' prodotti li ma jintużawx għall-ikel, li jintremew jew jinqerdu, fl-istadji kollha tal-katina alimentari, mir-razzett sal-konsumaturi. Skont id-definizzjoni tal-FAO, it-telf tal-ikel jidher fil-bidu tal-katina alimentari (produzzjoni primarja, stadji ta' wara l-ħsad u tal-ipproċessar) filwaqt li l-ħela tal-ikel pjuttost tiġi rreġistrata fit-tarf tal-katina (stadji tad-distribuzzjoni u tal-konsumatur finali).

3.1.4 Għalhekk, ir-residwi tal-ħsad u l-prodotti sekondarji tal-ipproċessar, li mhumiex tajbin għall-ikel, mhumiex inklużi fil-kunċett ta' telf jew ta' ħela tal-ikel. Madankollu, dak li mhuwiex tajjeb għall-ikel u ma jistax jiġi pproċessat fi prodotti sekondarji llum, forsi għada jkun jista' jsir permezz tal-progress fl-għarfien u fit-teknika. Anke dawn id-definizzjonijiet iridu jitqiesu bħala progressivi.

3.1.5 Rigward l-istadju tal-produzzjoni, ir-riformi suċċessivi tal-PAK irreġistrati f'dawn l-aħħar snin, dejjem ippermettew adattament tal-għodod bil-ħsieb li jiġu evitati u ġestiti aħjar is-sitwazzjonijiet ta' surplus fis-swieq. Madankollu għad irid iseħħ titjib fil-mod kif taħdem il-katina, pereżempju bit-tishih ġenwin tas-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa.

3.2 *Il-firxa tal-fenomenu fi ħdan il-katina alimentari*

3.2.1 It-telf u l-ħela tal-ikel jeżistu fir-reġjuni kollha tad-dinja. Iżda skont id-definizzjoni tal-FAO, wieħed jinnota li fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, aktar minn 40 % tat-telf tal-ikel iseħħ fl-istadji ta' wara l-ħsad u tal-ipproċessar, filwaqt li t-telf tal-ikel fil-pajjiżi industrijalizzati jiġi osservat prinċipalment fl-istadji tad-distribuzzjoni u tal-konsum.

3.2.2 Fi stħarriġ tal-Kummissjoni Ewropea ippubblikat fl-2010 il-volum tal-iskart tal-ikel huwa ta' 179 kg/per capita/sena Id-distribuzzjoni bejn id-diversi ħoloq tal-katina turi li 42 % tal-iskart jiġi mid-djar, 39 % mill-industriji tal-ikel, 5 % mid-distribuzzjoni u 14 % mis-servizzi tal-ikel barra mid-dar. Jekk il-politika tibqa' ma tinbidilx sal-2020 din il-kwantità tista' tiżdied b'40 %. Għandu jiġi nnutat li t-telf u l-ħela tal-ikel fl-istadji tal-agrikoltura u tas-sajd ma tqiesux f'dan l-istudju.

3.2.3 Studju li twettaq fi Brussell dwar il-kontenut tal-laned tal-iskart domestiku juri li l-ħela tal-ikel tammonta għal 11,7 % tal-iskart domestiku mhux trattat. Din tinqasam f'prodotti mħassrin, skaduti u fi fdalijiet tal-ikel rispettivament b'47,7 %, 26,7 % u 25,5 % tal-ħela totali.

3.3 *Il-kawżi tat-telf u tal-ħela tal-ikel*

3.3.1 Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u bi dħul baxx, il-parti l-kbira mit-telf iseħħ fl-istadju tal-produzzjoni u wara l-ħsad, minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji biex jirrispondu għan-nuqqasijiet fl-infrastruttura fis-sens wiesa'.

[1] Opinjoni tal-KESE dwar Id-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni" (ĠU C 43, 15.2.2012 p. 94-98)

[2] COM(2011) 571 final, "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi" p. 21.

3.3.2 Għall-kuntrarju, fil-pajjiżi żviluppati, wieħed jikkonfronta l-aktar problema ta' aġir. Fl-Unjoni Ewropea, f'dawn l-aħħar deċennji, iż-żieda fil-produttività agrikola ppermettiet li tiġi garantita l-provvista lill-popolazzjoni bi prezz raġonevoli. Din l-evoluzzjoni, flimkien maż-żieda tal-flus disponibbli, wasslet biex il-parti tal-baġit iddedikata għall-ikel tnaqqset ħafna. Din it-tendenza tista' tispjega parzjalment iż-żieda tal-ħela tal-konsumaturi.

3.3.3 Raġunijiet soċjoloġiċi bħat-tibdiliet fl-istruttura tal-familja jew ir-ritmi tal-ħajja jikkontribwixxu wkoll għall-fenomenu tal-ħela tal-ikel.

3.3.4 Ċerti standards ta' kwalità viżiva applikati għall-prodotti friski mill-ktajjen tad-distribuzzjoni jistgħu jkunu kawża ta' ħela, peress li jwasslu biex jitwarrbu prodotti li jistgħu jittieklu fl-istadju tal-produzzjoni għal raġunijiet li mhumiex ta' saħħa.

3.3.5 F'ċerti proċessuri, l-adattar ta' ċerti tekniċi jista' jikkontribwixxi biex titnaqqas il-ħela. Fil-fatt, ċerti imballaġġi diffiċli li jitbattlu kompletament; l-imballaġġ ta' ċerti prodotti ma jaqbilx mal-iżvilupp soċjoloġiku domestiku, u ċerti imballaġġi ma jerġgħux jingħalqu sew ladarba jkunu nfetħu, eċċ.

3.3.6 Anke jekk il-prattiki kummerċjali għandhom l-għan prinċipalment li jinkoraġġixxu x-xiri, uħud fosthom jistgħu xorta jkunu fattur li jżid ċerta forma ta' ħela (pereżempju: komunikazzjoni dwar il-prezz biss; tliet prodotti għall-prezz ta' tnejn …). Iżda hawn ukoll, l-istħarriġ jinnota differenza sinifikanti fl-aġir skont il-profili tal-familja.

3.3.7 Hemm konfużjoni kbira fost il-konsumaturi bejn "id-data sa meta għandu jintuża l-prodott" u "id-data sa meta l-prodott ikun l-aħjar li jintuża", dan iwassal għal ħela fl-ikel. Fir-Renju Unit, ir-riċerki mwettqa dwar it-tikkettar jindikaw li minn 45 sa 49 % tal-konsumaturi jinterpretaw ħażin id-dati ta' validità tal-prodotti, li jirriżulta f'20 % tal-ħela tal-ikel totali evitabbli (WRAP -Waste and Resources Action Programme 2010).

3.4 *L-impatti tat-telf u tal-ħela tal-ikel*

3.4.1 L-impatt tat-telf u tal-ħela tal-ikel għandu tliet aspetti: ekonomiku, soċjali u ambjentali.

3.4.2 L-impatt ambjentali huwa l-iżjed tanġibbli billi jirriżulta direttament f'żieda fil-parti li tista' tiffermenta tal-iskart domestiku. Minbarra l-iskart iġġenerat, kull ħela ta' ikel tfisser telf ta' riżorsi meħtieġa għall-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-prodott. Aktar ma l-ħela tkun seħħet tard fil-katina tal-ikel, aktar tkun kbira l-ħela ta' riżorsi.

3.4.3 Il-produzzjoni ta' gass b'effett ta' serra (GHG) tikkontribwixxi negattivament għat-tibdil fil-klima. L-istadju "domestiku" għandu l-akbar impatt f'dan il-livell, b'45 % tal-emissjonijiet stmati li huma marbutin mal-ħela tal-ikel; filwaqt li s-settur tal-ipproċessar hu responsabbli għal madwar 35 % tal-emissjonijiet annwali Imma skont dan l-istess studju, l-istimi tal-produzzjoni ta' GHG għandhom jitqiesu bi prudenza, għaliex jiddependu mill-affidabbiltà tal-figuri li jikkwantifikaw il-ħela tal-ikel (Preparatory study on food waste across the EU-27, executive summary, Ottubru 2010).

3.4.4 Għall-konsumaturi kif ukoll għall-ħoloq l-oħra tassettur kull ħela tirriżulta f'telf finanzjarju. Il-politiki li se jissaħħu fil-ġejjieni fil-qasam tal-iskart se jikkawżaw spejjeż supplementari (spiża ta' rimi f'miżbla, taxxi) għall-atturi differenti tal-katina. Dan l-approċċ żgur se jħeġġeġ biex isir investiment fil-prevenzjoni.

3.4.5 Fil-livell soċjali u dak etiku huwa inkonċepibbli li wieħed ma jirreaġixxix politikament biex titnaqqas il-firxa tat-telf u tal-ħela tal-ikel, partikolarment meta l-kriżi ekonomika qed tpoġġi f'sitwazzjoni dejjem aktar prekarja numru dejjem jiżdied ta' persuni fiż-żona Ewropea Il-ħtiġijiet tal-banek alimentari, li dejjem qed jiżdiedu, juru din it-tendenza preokkupanti.

4. **Xi inizjattivi fis-seħħ**

4.1 Diversi inizjattivi jiġu żviluppati fil-livell globali, Ewropew, nazzjonali u lokali. Dawn jinkludu studji tal-aġir u ta' kwantifikazzjoni kif ukoll proġetti konkreti prattiċi.

4.2 Il-proġetti internazzjonali jinkludu l-Inizjattiva Globali dwar it-Telf tal-Ikel u t-Tnaqqis tal-Iskart (Save Food) tal-FAO li tistabbilixxi sħubiji pubbliċi/privati kif ukoll żvilupp ta' politiki bbażati fuq l-evidenza u appoġġ tal-investiment ibbażat fuq il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, evalwazzjonijiet koerenti u koordinati u analiżi tad-data dwar it-telf u l-ħela tal-ikel; is-sensibilizzazzjoni, il-ħolqien ta' netwerks u t-tishiħ tal-ħiliet fost il-partijiet interessati tas-sistema tal-ikel u tal-agrikoltura.

4.3 Fid-19 ta' Jannar 2012, il-Parlament Ewropew approva riżoluzzjoni dwar l-istrateġija għal effiċjenza aħjar tal-katina alimentari. Huwa talab lill-Kummissjoni Ewropea tieħu miżuri prattiċi biex tnaqqas 50 % tal-ħela tal-ikel sal-2025. Il-PE jitlob li titwaqqaf strateġija koordinata li tlaqqa' miżuri Ewropej u nazzjonali b'mod li jitnaqqas it-telf f'kull stadju tal-katina alimentari.

4.4 Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-użu effikaċi tar-riżorsi ([3]), il-Kummissjoni tiddedika kapitolu għall-ikel u tistieden lill-Istati Membri sabiex jirregolaw il-problema tal-ħela tal-ikel

([3]) COM(2011) 571 final "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi".

fil-qafas tal-pjani nazzjonali tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart. Fiha hemm speċifikat li l-ħela tal-ikel għandha titnaqqas bin-nofs sal-2020.

4.5 F'Awwissu tal-2011 il-Kummissjoni ppubblikat "Linji Gwidi dwar it-Tħejjija ta' Programmi għall-Prevenzjoni tal-Iskart tal-Ikel" li għandhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri jiżviluppaw Programmi Nazzjonali għall-prevenzjoni tal-Iskart fil-qasam tal-iskart tal-ikel. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħolqot sit iddedikat għall-iskart tal-ikel b'informazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel (jiġifieri 10 ideat biex tnaqqas il-ħela tal-ikel, nota li tikkjarifika d-differenza bejn id-dati "l-aħjar qabel" u "uża sa", kompilazzjoni ta' prattiki tajbin, etc.).

4.6 Fl-aħħar, il-Kummissjoni qed taħdem bħalissa fuq l-abbozzar ta' "Komunikazzjoni dwar l-ikel sostenibbli", li fiha l-ħela tal-ikel se tkun kapitolu importanti, u li hija mistennija li tiġi ppubblikata fi tmiem l-2013. Fi ħdan il-grupp ta' konsultazzjoni dwar il-katina tal-ikel u s-saħħa tal-annimali u veġetali, twaqqaf grupp ta' ħidma ddedikat għat-telf u għall-ħela tal-ikel sabiex jippermetti skambju dwar dan is-suġġett bejn il-Kummissjoni u l-partijiet interessati importanti kollha tal-katina alimentari.

4.7 "Greencook" hija inizjattiva li hija parzjalment kofinanzjata mill-FEAŻR (Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali) li l-għan tagħha hu li titnaqqas il-ħela tal-ikel. Minħabba s-sħubija multisettorjali, id-diversi inizjattivi mwettqa b'mod prattiku huma soġġetti għal skambji sabiex mill-istadju tal-isperimentazzjoni ngħaddu għal dak tal-istrateġija ġeneralizzata. Ir-rapporti intermedji huma inkoraġġanti u l-konklużjonijiet finali huma mistennija fl-2014.

4.8 Il-Kunsill ukoll, qed jistudja l-kwistjonijiet marbutin ma' produzzjoni sostenibbli tal-ikel. Il-viżjoni li l-Awstrija fasslet reċentement u li magħha qablu 16-il Stat Membru għal Mudell ġdid Ewropew tal-Ikel tkopri, fost affarijiet oħra, aspetti marbutin mal-apprezzament tal-ikel, li għandhom jevitaw il-ħela tal-ikel (ara 16821/12).

4.9 Fir-Renju Unit, id-WRAP ilha attiva għal bosta snin fil-kwantifikazzjoni u l-istabbiliment ta' kampanja ta' prevenzjoni fil-qasam tat-telf u l-ħela tal-ikel. Din l-assoċjazzjoni hija l-bażi ta' ftehim qadim (Courtauld Commitment) bejn il-bejjiegħa bl-imnut ewlenin Britanniċi u numru kbir tal-akbar produtturi tal-ikel u tax-xorb għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' kull azzjoni li tista' tnaqqas il-ħela. Mit-twaqqif tagħha fl-2006/2007, wieħed jista' josserva titjib fis-sitwazzjoni fi ħdan il-katina alimentari.

4.10 L-istadju tal-catering huwa wkoll punt kritiku fit-telf tal-ikel. Rapport ippubblikat fil-Gran Brittannja mis-Sustainable Restaurant Association (Restaurant Food Waste Survey Report (2010)) jippermetti l-fehim aħjar ta' dak li hu għaddej f'dan il-livell. Il-ħsieb oriġinali kien li jiġi kwantifikat b'mod aktar preċiż l-iskart tal-ikel ta' għaxar ristoranti membri tal-SRA skont tliet livelli: l-ikel li jħallu warajhom il-konsumaturi, il-ħela waqt it-tħejjija u l-prodotti mħassrin jew li ma jistgħux jintużaw għal bosta raġunijiet. Finalment, l-analiżi kellha twassal għal rakkomandazzjonijiet prattiċi għat-tnaqqis tat-telf innutat.

4.11 Bil-kriżi ekonomika u dik finanzjarja, il-banek tal-ikel qed jilmentaw li r-riżorsi tagħhom qed jonqsu filwaqt li l-ħtiġijiet tagħhom qed jiżdiedu, b'varjazzjonijiet skont l-Istat Membru. Jeżistu ftehimiet bejn diversi assoċjazzjonijiet tal-karità u l-atturi tad-distribuzzjoni u tal-ipproċessar sabiex il-prodotti tal-ikel irtirati mill-bejgħ ikunu jistgħu jintużaw. Naturalment, dan l-ikel għandu jkompli jagħti kull garanzija ta' sikurezza sanitarja.

5. **Kummenti ġenerali**

5.1 Fid-dawl tal-isfidi tal-evoluzzjoni demografika, it-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li r-riżorsi jintużaw b'mod effikaċi, il-ġlieda kontra t-telf u l-ħela tal-ikel għandha titqies bħala parti mis-soluzzjoni għall-problema tas-sikurezza tal-ikel.

5.2 Mill-ewwel għandha ssir distinzjoni bejn l-approċċ għall-"pajjiżi li qed jiżviluppaw" u dak għall-"pajjiżi industrijalizzati".

5.3 Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, billi t-telf huwa kkonċentrat fuq l-ewwel ħoloq tal-katina, is-soluzzjonijiet li għandhom jinstabu huma ta' tip ieħor, u diġà kienu s-suġġett ta' rakkomandazzjonijiet f'diversi dokumenti tal-KESE. Fil-pajjiżi industrijalizzati, fosthom l-UE, il-ġlieda kontra t-telf u l-ħela tal-ikel għandha timmira bħala prijorità l-ħoloq tal-ipproċessar, tad-distribuzzjoni, tal-konsumaturi u tal-catering.

5.4 Fil-pajjiżi industrijalizzati, wieħed għandu quddiemu wkoll problema ta' aġir, riżultat tat-tnaqqas tal-piż relattiv tal-ikel fuq l-ispiża tal-familji f'dawn l-aħħar erbgħin sena li probabbilment iwassal biex il-konsumaturi finali jkunu inqas attenti fir-rigward tal-ikel. Ċertu stħarriġ jindika li l-attitudnijiet fir-rigward tal-ikel kemm fix-xiri kif ukoll fil-konsum, ivarjaw skont il-profil tal-familja (livell ta' dħul, daqs tal-familja u l-età tal-membri …). Dan huwa element li għandu jitqies biex jiġu pperfezzjonati l-azzjonijiet ta' edukazzjoni, ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni li jridu jitwettqu.

5.5 Meta jiġu eżaminati d-diversi studji u inizjattivi mwettqa fil-qafas tal-ġlieda kontra t-telf u l-ħela tal-ikel, jidher li huwa indispensabbli li wieħed ikollu figuri affidabbli u kumparabbli. Jirriżulta wkoll li fil-livell tal-Unjoni hemm bżonn b'mod prijoritarju definizzjoni u metodoloġija komuni biex jiġu kkwantifikati t-telf u l-ħela « Fusions» Programm Ewropew ta' riċerka u ta' żvilupp teknoloġiku li tnieda f'Awwissu tal-2012. Dan il-progett jirrigwarda wkoll il-qsim u l-iżvilupp ta' prattiki tajbin, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti bejn diversi msieħba, it-titjib fis-sensibilizzazzjoni u t-tressiq ta' rakkomandazzjonijiet politiċi.

Madankollu, l-urġenza u l-objettivi stabbiliti jobbligaw lil dak li jkun biex jibda l-azzjonijiet konkreti b'mod parallel mar-riċerki li għandha l-għan li ttejjeb id-data.

5.6 Sabiex jiġu pperfezzjonati r-riżultati tal-esperjenzi differenti li jeżistu fil-livell komunitarju, nazzjonali u lokali, jeħtieġ li jitwaqqaf qafas favur il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u inizjattivi pożittivi.

5.7 B'mod ġenerali:

— L-isforzi għat-tnaqqis tat-telf u l-ħela tal-ikel għandhom jirrispettaw ġerarkija ta' ħela: l-ewwel, il-prevenzjoni, imbagħad l-użu għall-ikel mill-bniedem (pereżempju donazzjonijiet lill-banek tal-ikel), imbagħad l-użu għall-għalf tal-annimali, u fl-aħħar għall-produzzjoni ta' enerġija u kompostjar.

— Għandhom jittieħdu azzjonijiet f'kull livell tal-katina alimentari. Għandhom jingħataw l-akbar preferenza l-approċċi ta' inċentivazzjoni.

— Kull azzjoni għat-tnaqqis tat-telf u l-ħela ma għandhiex tagħmel kompromessi mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel.

5.8 Anke jekk is-settur tal-ħwienet il-kbar ma jirrappreżentax il-ħolqa tal-katina fejn il-ħela tal-ikel huwa l-akbar, dan jista' jkollu rwol determinanti biex din tonqos, billi jiġu adattati ċerti prattiki kummerċjali u billi l-konsumaturi jiġu appoġġjati aktar f'termini ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni.

5.9 Madankollu, fl-analiżi tal-istħarriġ li jistudja l-prattiki kummerċjali tal-bejgħ, mhuwiex dejjem faċli li jiġu identifikati dawk li jidhru biċ-ċar li jinfluwenzaw b'mod jew ieħor il-ħela tal-ikel. Dawn il-prattiki jinfluwenzaw b'mod pożittiv jew le l-ħela skont diversi kriterji bħad-daqs tad-dar, it-tipoloġija tagħha jew anke t-tip ta' ikel ikkonċernat.

5.10 Il-konklużjonijiet ta' stħarriġ tal-CRIOC (Ċentru ta' Riċerka u ta' Informazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Konsumaturi), il-Belġjufil-qasam tal-prattiki kummerċjali fit-territorju Belġjan, jissuġġerixxu ċerti inizjattivi li jistgħu jiġu żviluppati mal-ħwienet biex iħeġġu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet responsabbli. Fost l-approċċi mressqa, insemmu: li jinbeda djalogu mal-konsumaturi li jista' jsemmi l-oriġini, il-mod ta' produzzjoni, il-kwalità nutrittiva pjuttost milli s-sempliċi fattur tal-prezz jew anke tiġi ffavorita interpretazzjoni korretta tad-dati tal-konsum li jidhru fuq it-tikketta.

5.11 Fi żmien meta l-banek tal-ikel qed jiffaċċjaw tnaqqis fir-riżorsi tagħhom b'mod parallel ma' żieda fit-talbiet li jsirulhom għall-ikel, kollox irid jiġi implimentat min-naħa tal-awtoritajiet biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-ikel lilhom. Filwaqt li s-sikurezza tal-ikel tibqa' prijoritarja, huwa importanti ħafna li l-awtoritajiet jadattaw ċerti rekwiżiti amministrattivi sabiex jiffaċilitaw ix-xogħol tad-distributuri li jixtiequ jfornu lill-banek tal-ikel pjuttost milli jeħilsu mill-prodotti tal-ikel li għadhom tajbin għall-ikel. Tista' ssir osservazzjoni simili fir-rigward tal-istabbilimenti tal-catering u s-sidien tar-restoranti. Għandha titħeġġeġ il-promozzjni tal-esperjenzi li jkunu saru f'xi Stati Membri kemm fir-rigward tat-tneħħija tar-responsabbiltà tad-donaturi, fil-limiti ta' ċerti dispożizzjonijiet, kif ukoll fl-inċentivi fiskali.

5.12 Fir-riflessjoni mwettqa biex jiġu promossi l-prodotti lokali fil-catering kollettiv, għandu jiġi nnutat li l-produtturi u l-kooperattivi lokali jistgħu jiġu skoraġġiti meta jaraw kemm huma tqal il-proċeduri. Li jiġi permess aċċess aktar faċli ta' dawn l-atturi għas-swieq pubbliċi jista' jkun parti waħda tas-soluzzjoni. F'dan il-livell, l-awtoritajiet lokali wkoll għandhom rwol x'jaqdu kemm fl-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi għall-kantins fir-responsabbiltà tagħhom, kif ukoll fit-taħriġ tal-persunal dwar ikel aktar sostenibbli.

5.13 Dejjem fil-qasam tal-catering, id-diversi inizjattivi wrew il-ħtieġa li wieħed jikkomunika kemm mal-persunal kif ukoll mal-konsumaturi biex tinbidel l-imġiba.

5.14 Il-kurrikulu skolastiku tal-koki futuri għandu jiġi adattat. Wieħed jista' jinkludi sensibilizzazzjoni dwar id-diversi aspetti tal-ħela tal-ikel, pereżempju l-ġestjoni tal-istokkijiet, is-separazzjoni tal-iskart, l-iffrankar tal-flus possibbli jew anke l-approċċ tal-konsumaturi.

5.15 Kull politika ta' prevenzjoni għandha tiddependi minn azzjoni konġunta u koordinata tal-atturi kkonċernati kollha. Il-miżuri li għandhom jiġu implimentati għandhom jiġu divrenzjati skont l-atturi, it-tip ta' ikel u l-mod ta' konsum imsemmija biex iwasslu l-aktar malajr possibbli għal riżultati konkreti.

5.16 Tista' tissemma bħala eżempju l-ħtieġa li jitnieda djalogu mal-industrija tal-ipproċessar sabiex din tintroduċi prodotti li jikkontribwixxu għal tnaqqis fil-ħela tal-ikel fid-djar (disinn tal-imballaġġi, kwantitajiet u forom adattati għal ċerti prodotti alimentari.). Din it-tema għandha ssib postha wkoll fit-taħriġ tad-disinjaturi tal-imballaġġi.

5.17 Fl-istadju tal-produzzjoni primarja, jistgħu jiġu inkoraġġuti u żviluppati approċċi differenti:

— tiġi segwita, u saħansitra intensifikata r-riċerka applikata, kemm fil-livell tal-annimali kif ukoll dak veġetali, bil-ħsieb li jitnaqqas it-telf li jirriżulta minn mard, minn nuqqas ta' għarfien tekniku jew minn skerzi klimatiċi; is-Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà fil-qasam Agrikolu" tista' tinvolvi ruħha f'din il-kwistjoni;

— tiġi inkoraġġuta l-introduzzjoni ta' ftehimiet interprofessjonali, li jiġu rakkomandati wkoll mill-PAK preżenti u futura, filwaqt li tiġi sorveljata l-effiċjenza tagħhom u li jinbidlu ħalli jsiru aktar sostenibbli.

— l-agrikoltura tibqa' taqdi rwol determinanti bħala fornitur tal-industrija agroalimentari, iżda l-promozzjoni u l-iżvilupp taċ-ċirkwiti qosra jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tat-telf u l-ħela, billi jitnaqqsu l-intermedjaturi bejn il-ħoloq tal-produzzjoni u tal-konsum.

5.18 Attwalment, l-ammont ta' telf u ħela tal-ikel kif ukoll il-kawżi tagħhom fil-prinċipju huma magħrufa sew. Iżda jeħtieġ li jiġi speċifikat aħjar it-telf għal kull kawża. Jidher biċ-ċar li d-diversi studji ta' kwantifikazzjoni tat-telf u tal-ħela f'diversi stadji huma fundamentali biex il-fenomenu jinftiehem aħjar u jittieħdu azzjonijiet preventivi, abbażi ta' argumenti serji u verifikabbli. Dawn il-proċeduri huma ferm aktar importanti fid-dawl tal-ispejjeż marbuta mal-ħela li ser jiżdiedu fil-ġejjieni minħabba l-volum ta' skart prodott.

5.19 Fil-fatt, il-ħela tal-ikel fl-istadju tal-konsumaturi toriġina minn bosta fatturi li jvarjaw b'mod differenti skont l-Istat Membru, il-kultura tiegħu, il-klima tiegħu, id-dieta tiegħu u t-tipoloġija tad-djar. Din l-osservazzjoni tkompli tikkomplika l-għażla ta' komunikazzjoni adattata fuq skala Ewropea.

Brussell, 20 ta' Marzu 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON